**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017

Talba Numru: 367/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 27

**Paul u Anne Psaila**
**21 Carmvic**
**Triq ic-Cappun**
**Ghaxaq**

**Vs**

**Carmel Tanti**
**124 Triq Guze' Pace**
**Hamrun**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba prezentat mill-atturi fit-12 ta' Settembru, 2016 li permezz tieghu talbu li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' disa' mija u tlieta u hamsin ewro u sitt centezmu (€953.06c) rapprezentanti arretrati ta' kera, konsum ta' dawl u ilma u prezz ta' channels mixtrija mill-atturi.

Ra r-risposta tal-konvenut (fol 9) li permezz taghha huwa eccepixxa li ma ghandux ihallas dan l-ammont stante li l-atturi llegalment kien qed jghaddi d-dawl mill-post taghha numru 81, Triq il-Gudja, Ghaxaq lil diversi kuntratturi gewwa t-triq ta' wara

permezz ta' wire tal-elettriku; li skont il-ftehim l-ewwel xahrejn il-konsum tad-dawl ghandhom ibatuha s-sidien tal-post mikri u li l-konvenut ta depozitu ta' hames mitt ewro (€500) lill-attur mal-iffirmar tal-ftehim ta' lokazzjoni.

Ra d-decizjoni ta' dan it-Tribunal tas-07 ta' April, 2017 li permezz taghha dan it-Tribunal kien iddikjara lil konvenut kontumaci.

Ra l-affidavit tal-attrici Ann Psaila mart l-attur fol 24 et li permezz tieghu xehdet li hija kienet fil-fond li jinsab 81, Triq il-Gudja, Ghaxaq ghal sena b'effett mill-01 ta ' Awwissu, 2015 (fol 27 et), lil konvenut bil-kera ta' hames mitt ewro( €500) fix-xahar ghall-ewwel xahrejn u sitt mitt ewro (€600) fix-xahar ghall-ghaxar xhur ta' wara. Huwa hallas hames mitt ewro (€500) bhala depozitu ghal hsarat. Il-kontijiet tad-dawl u l-ilma sal-ahhar ta' Settembru, 2015 kienu a karigu tal-atturi u tal-kumplament a karigu tal-konvenut. Fl-01 ta' Awwissu, 2015 il-konvenut kien talabhom biex idahhal xi ghamara fid-dar u meta lesta l-garr dahal jghix fid-dar. Sar ir-reading tal-meters tad-dawl u tal-ilma fl-01 ta' Ottubru, 2015 u fl-ahhar ta' Ottubru, 2015, hija u zewgha rcevew kont ta' elfejn u mitt ewro u tlieta u tmenin centezmu (€2,100.83c) li jkopri l-perjodu bejn is-06 ta' Mejju, 2015 u d-29 ta' Ottubru, 2015 (fol 30 – Dok B) liema kont gie mhallas mill-atturi.

Fil-bidu ma kienx hemm problemi u meta l-konvenut talba lil zewgha biex jixtrilu xi channels ghax kellu bzonn jaghmel xi xkaffar fil-garaxx huwa xtrahomlu u hallas ghalihom mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) liema ammont il-konvenut ma hallsux ghax kien dejjem jghidilhom li ma kellux flus.

Gara li fl-ahhar ta' Jannar, 2016 il-konvenut infurmhom li kien ser jitlaq mill-post fl-ahhar ta' Frar, 2016 u fakritu li kien ghadu ma hallasx il mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) tac-channels izda huwa baqa' jghidilha li kellu xi kontijiet tal-medicini xi jhallas u li ma setax ihallashom ghal issa. Meta wasal biex jitlaq u taghtu l-kont tad-dawl mill-01 ta' Ottubru, 2015 sad-29 ta' Frar, 2016 li kien jammonta ghal seba' mija tmienja u ghoxrin ewro u sitt centezmi (€728.06c) liema kont hija hadmet fuq il-billing calculator minn fuq il-website tal-ARMS u l-kera sal-ahhar ta' Frar huwa m'accettax li jhallas il-kont tad-dawl u l-ilma. Hija naqset mill-kera ta' Frar ta' sitt mitt ewro (€600) fix-xahar

id-depozitu li kien taha ta' hames mitt ewro (€500) u li ghalhekk baqghalu jghaddilha mitt ewro (€100) mill-kera ta' Frar minbarra l-mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) tac-channels ghall-ixkaffar u l-kont tad-dawl u ilma.

Li a fol 30 prezentant mill-attrici jirrizulta li l-kont tad-dawl u ilma ghal perjodu mis-06 ta' Mejju, 2015 sad-29 ta' Ottubru, 2015 mahrug mill-ARMS Limited jammonta ghal elfejn u mitt ewro u tlieta u tmenin centezmu (€2,100.83c) filwaqt li a fol 36 prezentant mill-attrici wkoll jirrizulta l-kont tad-dawl u ilma ghal perjodu mit-30 ta' Ottubru, 2016 sas-06 ta' Mejju, 2016 kien jammonta ghal sitt mija u sebghin ewro u sitta u disghin centezmu (€670.96c).

Ra l-affidavit tal-attur Paul Psaila li kkonferma dak li xehdet dwaru martu fl-affidavit taghha.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra

Li ghal dak li jirrigwarda konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jolqtu l-kaz jibda biex jinghad li l-konvent gie dikjarat kontumaci izda ma jfissirx li huwa ammetta it-talbiet jew li jaqbel mal-pretensjonijiet tal-attur. Din il-qaghda tfisser li hija halliet f'idejn dan it-Tribunal li jgib il-provi mressqa quddiemha fid-dawl tal-ligi li tghodd ghal kaz.

Li l-ftehim ta' lokazzjoni li sar bejn il-partijiet u li jinsab a fol 27. Izda l-atturi ma resqu ebda prova dokumentarja dwar is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) li allegtament huma hallsu ghal dawn ic-channels biex isiru l-ixkaffar ghajr ix-xhieda guramentata taghhom u lanqas resqu prova cara u konkreta li turi li l-ammont preciz dovut tal-konsum ta' dawl u ilma ghal perjodu

Mill-01 ta' Ottubru, 2015 sad-29 ta' Frar, 2016 minghajr li huma harku lil tal-ARMS biex jippruvaw li dak l-ammont huwa verament dovut.

Mill-kont tal-ARMS li jinsab a fol 30 prezentant mill-attrici jirrizulta li l-kont tad-dawl u ilma ghal perjodu mis-06 ta' Mejju, 2015 sad-29 ta' Ottubru, 2015 mahrug mill-ARMS Limited jammonta ghal elfejn u mitt ewro u tlieta u tmenin centezmu (€2,100.83c) filwaqt li a fol 36 prezentant mill-attrici wkoll jirrizulta l-kont tad-dawl u ilma ghal perjodu mit-30 ta' Ottubru, 2016 sas-06 ta' Mejju, 2016 kien jammonta ghal sitt mija u sebghin ewro u sitta u disghin ewro (€670.96c).

Pero' dan it-Tribunal ma jistax jasal ghal konkluzjoni kemm kien l-ammont dovut ghax-xahar ta' Ottubru, 2016 u kemm kien l-ammont dovut sad-29 ta' Frar, 2016. L-anqas haga li kellhom jaghmlu l-atturi huwa li jharku rapprezentant tal-ARMS biex jixhed kemm verament huwa l-ammont dovut. Inoltre l-kont a fol 30 huwa 'A' cioe' Actual filwaqt li dak a Fol 36 huwa 'C' cioe' consumer. Mill-bill calculator li ghamlet l-attrici a fol 33 jirrizulta li hija il-konsum fl-01 ta' Ottubru, 2015 haditu bhala 16889 liema verifika t-Tribunal ma jistax jaghmilha stante li l-karta tar-reading li l-attrici a fol 24 xehdet li saret bejn il-partijiet l-01 ta' Ottubru, 2017 ma gietx prezentata.

Li dwar ic-channels ghax-shelving lanqas ircevuta ma giet prezentata izda t-Tribunal ma jistax ma jemminx lill-attrici meta tghid li dawn inxtraw ghall-uzu tal-konvenut ghal garage liema garage ma giex stabilit jekk kienx parti mill-ftehim ta' lokazzjoni.

Li ghaldaqstant it-Tribunal tenut kont li konsum kien hemm ghal perjodu li fih dam jirrisjedi fil-fond li jinsab 81, Triq il-Gudja, Ghaxaq qed japplika l-principju ta' *arbitrio boni viri* ghar-rigward tal-kont tad-dawl u ilma u jiddeciedi li jilqa' it-talbiet tal-atturi limitatament ghas-somma ta' tmien mitt ewro (€800) u jordna lil konvenut ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tmien mitt ewro (€800) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Chairman**